REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 295/2009

tat-18 ta' Marzu 2009

rigward il-klassifikazzjoni ta' ċerti oġġetti fin-Nomenklatura Magħquda

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Komuni Doganali [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1)(a) tiegħu,

Billi:

(1) Sabiex tkun żgurata l-applikazzjoni b'mod uniformi tan-Nomenklatura Magħquda annessa mar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, jeħtieġ li jiġu adottati miżuri rigward il-klassifikazzjoni tal-oġġetti msemmija fl-Anness għal dan ir-Regolament.

(2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stipula r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda. Dawk ir-regoli japplikaw ukoll għal kwalunkwe nomenklatura oħra li hija bbażata, parzjalment jew kollha kemm hi fuqha, jew li żżid kwalunkwe subdiviżjoni magħha u li hija stabbilita minn dispożizzjonijiet Komunitarji speċifiċi, bil-għan tal-applikazzjoni ta' tariffi u miżuri oħra relatati ma' kummerċ tal-oġġetti.

(3) Skont dawk ir-regoli ġenerali, il-merkanizja msemmija fil-kolonna 1 tat-tabella mfassla fl-Anness għandha tkun ikklassifikata taħt il-kodiċi NM indikat fil-kolonna 2, għar-raġunijiet imsemmijin fil-kolonna 3 ta' dik it-tabella.

(4) Huwa xieraq li jkun stiplulat li informazzjoni tariffarja li torbot u li nħarġet mill-awtoritajiet tad-dwana tal-Istati Membri rigward il-klassifikazzjoni ta' oġġetti fin-Nomenklatura Magħquda, iżda li mhijiex skont dan ir-Regolament, tkun tista', għal perjodu ta' tliet xhur, tibqa' tkun invokata mid-detentur, skont l-Artikolu 12(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Komunità [2].

(5) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

L-oġġetti deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella stabbilita fl-Anness għandhom ikunu kklassifikati fin-Nomenklatura Magħquda taħt il-kodiċi tan-NM indikat fil-kolonna 2 ta' dik it-tabella.

L-Artikolu 2

Informazzjoni tariffarja li torbot, maħruġa mill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, li mhijiex skont dan ir-Regolament, tista' tibqa' tkun invokata għal perjodu ta' tliet xhur skont l-Artikolu 12(6) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 18 ta' Marzu 2009.

Għall-Kummissjoni
László KOVÁCS
Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1.

[2] ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1.

ANNESS

Deskrizzjoni tal-oġġetti	Klassifikazzjoni (Kodiċi tan-NM)	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
Tagħmir imqieghed għall-bejgħ bl-imnut li jikkonsisti f'apparat diġitali li għandu l-għata ta' barra tiegħu intiż biex jirreġistra u jirriproduċi ħsejjes u immaġini f'formati varji, u li kapaċi jirċievi dejta minn sorsi varji (pereżempju, riċevituri televiżivi bis-satellita, apparat awtomatiku li jipproċessa d-dejta, vidjokamera) u elementi varji bħal connector cables, CD-ROM, manwal, viti u tornavit. L-apparat jinkorpora tavla b'ċirkwit stampat bl-elementi attivi u passivi (meħtieġa għar-reġistrazzjoni u r-riproduzzjoni tal-ħoss u tal-istampa) inkluż mikroproċessur. Huwa mgħammar bl-interfaces li ġejjin: — port għall-USB, — VGA, u — portijiet għall-awdjo u l-vidjo Huwa mgħammar ukoll b'buttuni tal-kontroll (power, play, pause, volume) u riċevitur infrared għar-remote control. L-apparat huwa ddiżinjat biex jinkorpora hard disk.	8521 90 00	Il-klassifikazzjoni hija determinata mir-Regoli Ġenerali 1, 2(a), 3(b) u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, Nota 1 mat-Taqsima XVI u mill-kliem tal-kodiċijiet NM 8521, u 8521 90 00. Minħabba li l-apparat għandu l-elettronika kollha biex jitħaddmu l-funzjonijiet tal-intestatura 8521, minbarra l-hard disk, u minħabba li dawn il-komponenti, anke fin-nuqqas ta' hard disk, ma jistgħux jintużaw għal funzjonijiet oħrajn għajr għar-reġistrazzjoni u r-riproduzzjoni ta' ħsejjes u immaġini, għandu jiġi kkunsidrat li għandu, permezz tar-Regola Ġenerali 2(a), il-karattru essenzjali ta' prodott komplut u lest skont l-intestatura 8521. Għaldaqstant il-fatt li l-apparat ma jinkorporax hard disk m'għandux jimpedixxi milli jkun ikklassifikat bħala prodott komplut u lest. Il-klassifikazzjoni taħt l-intestatura 8522 bħala parti adattata għall-użu biss jew prinċipalment ma' apparat tal-intestatura 8521 huwa għalhekk esklużż. Għalhekk, l-apparat għandu jkun ikklassifikat taħt l-intestatura 8521 bħala apparat li jirreġistra jew jirriproduċi l-vidjo. It-tornavit għandu jkun ikklassifikat mal-apparat, sabiex dan jintrama u jkun mantenut, permezz tan-Nota Addizzjonali 1 għas-sezzjoni XVI.